A.L. 14 ta' l-1984

ATT TA' L-1970 DWAR IL-FORZI ARMATI TA' MALTA (ATT NRU. XXVII TA' L-1970)

Regolamenti ta' l-1984 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forzi Armati ta' Malta (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-1970 dwar il-Forzi Armati ta' Malta, il-President ta' Malta għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1984 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forzi Armati ta' Malta (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1970 dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forzi Armati ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 91 ta' l-1970

Jemenda r-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-sub-paragrafu (e) tal-paragrafu (1) tiegħu minflok il-kliem "mid-data tal-konferma,", għandhom jidħlu l-kliem "mid-data tal-konferma, jew";

(b) minnufih wara s-sub-paragrafu (e) tal-paragrafu (1) tiegħu għandu jiżdied is-sub-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) għal ingaġġ ta' tnax-il xahar mal-forza li jibdew jgħoddu mid-data tal-konferma,";

(ċ) fil-paragrafu (2) tiegħu minflok il-kliem "(d) l-ingaġġ ta' tmintax-il xahar," għandhom jidħlu l-kliem "(e) l-ingaġġ ta' tmintax-il xahar, jew";

(d) minnufih wara s-sub-paragrafu (e) tal-paragrafu (2) tiegħu għandu jiżdied is-sub-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) l-ingaġġ ta' tnax-il xahar,"; u

(e) fil-paragrafu (4) tiegħu minflok il-kliem "għal ingaġġ ta' tmintax-il xahar" għandhom jidħlu l-kliem "għal ingaġġ ta' tnax jew tmintax-il xahar".

Jemenda r-regolament 38 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara s-sub-paragrafu (l) tal-paragrafu (1) tar-regolament 38 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied is-sub-paragrafu ġdid li ġej:

"(m) Il-Kmandant jista' jħalli li raġel tal-forza jtemm is-servizz tiegħu sabiex jerġa' jingaġġa għal ingaġġ ieħor.".

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

4. It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih wara l-paragrafu (6D) tal-Karta ta' l-Avviż taħt it-Taqsima I tagħha għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(6E) Għal irġiel li jingaġġaw għal tnax-il xahar —

Int se tkun ingaġġat għal ingaġġ ta' tnax-il xahar u jkollok obbligu għal servizz fir-riżerva għal perijodu ta' għoxrin sena mid-data meta jispiċċa l-ingaġġ tiegħek.";

(b) minnufih wara s-sub-paragrafu (f) tal-Mistoqsija 16 tal-Karta ta' l-Avviż taħt it-Taqsima I tagħha, għandu jiżdied is-sub-paragrafu ġdid li ġej:

"(ġ) Perijodu ta' tnax-il xahar mal-forza li jgħoddu mid-data tal-konferma."; u

(ċ) minnufih wara s-sub-paragrafu (f) tal-Mistoqsija 16 tal-Karta ta' l-Avviż taħt it-Taqsima II tagħha għandu jiżdied is-sub-paragrafu ġdid li ġej:

"(ġ) Perijodu ta' tnax-il xahar mal-forza li jgħoddu mid-data tal-konferma.".